– KAWZA GHALL-HLAS GHAL SERVIZZI PROFESSJONALI REZI MINN *ACCOUNTANT*/AWDITUR –
– RELAZZJONI KUNTRATTWALI BEJN *ACCOUNTANT*/AWDITUR U L-KLIJENT –
– PRECETT TA' "OMNIA LABOR OPTAT PREMIUM" –
– REZISTENZA B'ECCEZZJONIJIET BISS JEW REZISTENZA ANKE B'KONTRO-TALBA –
– ECCEZZJONI DWAR TARDIVITÀ FIL-PRESTAZZJONI PROFESSJONALI –
– DEWMIEN FIL-PRESTAZZJONI DOVUTA GHAL KONTINGENZI STRAORDINARJI (MARD) –
– TPACIJA *EX LEGE* JEW KOMPENSAZZJONI GUDIZZJALI –
– KARATTERSTIKA TA' L-INVERTIBILITÀ FIT-TPACIJA –
– ECCEZZJONI "INADIMPLENTI NON EST ADIMPLENDUM" –
– META NUQQAS TA' KONTRO-EZAMI JDGHAJJEF IL-POSIZZJONI TA' MIN MA JWETTQUX –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **229/2018**

**NICOLETTE MAHONEY** [K.I. NRU. 594763M]
**F'ISIMHA PROPRJU U F'ISEM RYAN MAHONEY** [K.I. NRU. 327093M] **U KURT MAHONEY** [K.I. NRU. 203991M] **UKOLL FIL-KAPACITÀ TAGHHOM TA' EREDI TAL-MEJJET KEVIN MAHONEY LI KIEN JEZERCITA L-PROFESSJONI TA' *ACCOUNTANT* PERMEZZ TA' 'MAHONEY & CO.'**

***VERSUS***

**JACKSONS CO. LIMITED** [C-8057]

B'Avviz tat-Talba mressaq fil-21 ta' Mejju, 2018, l-attrici *proprio et nomine* talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn, mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmi (€2,133.72c) rapprezentanti hlas ghal prestazzjonijiet professjonali moghtija mid-ditta 'Mahoney & Co.' lis-socjetà konvenuta, kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici *proprio et nomine* talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti proceduri u dawk marbuta ma' ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar, 2018 (nru.

13/2018)[1] u kif ukoll l-imghax kummercjali dekorribbli mill-5 ta' Jannar, 2018[2] sal-pagament finali u effettiv.

B'Risposta mressqa fil-15 ta' Gunju, 2018, il-konvenuta laqghet ghat-talba attrici billi eccepiet li (1) l-ammont ma huwiex dovut minhabba l-fatt li x-xoghol [ma] sarx skond il-professjoni mehtiega u kien hemm hafna dewmien sabiex jitlesta x-xoghol u l-konvenuta sofriet multi mill-awtoritajiet kompetenti; u (2) minghajr pregudizzju, kienu saru xi hlasijiet imma inhargu diversi *invoices* mill-atturi dwar l-istess xoghol fuq diversi kumpanniji tal-konvenuta.

It-Tribunal qies il-provi kollha,[3] ra l-atti processwali intieri u ra li fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2019[4] li fiha, wara li d-difensuri trattaw il-kaz[5], il-prezenti kawza thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

It-Tribunal jikkunsidra;

Fis-semplicità taghhom, il-fatti ta' din il-kawza huma dawn: id-ditta 'Mahoney & Co.' kienet inkarigata mis-socjetà konvenuta sabiex twettaq xi xoghol ta' awditjar relattivi ghas-sena li kienet taghlaq fl-2014 u kif ukoll xi xoghol marbut ma' aspetti fiskali ghas-sena 2015. Gara illi Kevin Mahoney, li kien jiggestixxi l-imsemmija ditta, kien djanjostikat b'marda serja f'Lulju, 2014 u allura l-istess xoghol kien gie inizjalment delegat fuq impjegat tieghu, Stephen Caruana. Sussegwentement, meta l-hidma fuq tali xoghol kien beda', Stephen Caruana kellu diffikultaijiet f'sahhtu (f'siequ) u anke kellu problemi ta' sahha fil-familja tieghu (it-tarbija tieghu). Ghalhekk, Stephen Caruana ma setax ikompli fuq tali xoghol u kellu jieqaf minnu. Safrattant, Kevin Mahoney gie nieqes fid-29 ta' Novembru, 2015. It-tkomplija ta' l-imsemmi xoghol giet mghoddija u delegata f'idejn *accountant* u awditur iehor, David Pace. David Pace kien iffinalizza tali xoghol u d-dokumentazzjoni relattiva giet fornita lill-konvenuta ghall-approvazzjoni u l-istess giet eventwalment sottomessa lill-awtoritajiet koncernati f'Gunju, 2016. Peress li l-istess dokumentazzjoni giet sottomessa lil hinn mit-terminu stipulat, David Pace kien formalment gharraf lill-awtoritajiet koncernati bic-cirkostanzi specjali wara d-dewmien u biex kwalsiasi multa, penali jew interessi minhabba tardività tigi mahfura. Skond is-

[1] Din l-ittra ufficjali qatt ma giet formalment ezibita fl-atti tal-prezenti proceduri.
[2] Presumibilment id-data ta' l-intavolar ta' l-imsemmija ittra ufficjali u mhux id-data tan-notifika ta' l-istess.
[3] Ghalkemm m'hemmx menzjon specifika ghal kull xhud, ghal kull deposizzjoni jew ghal kull prova dokumentarja mressqa mill-kontendenti, il-provi kollha gew skrutinati u evalwati u kull fejn mehtieg it-Tribunal issenjala l-istess tramite *footnotes* f'din is-sentenza.
[4] Ara *a fol*. 76.
[5] Ara *a foll*. 77–80.

socjetà konvenuta, il-prestazzjonijiet tad-ditta 'Mahoney & Co.' ma twettqux b'mod professjonali u li minhabba d-dewmien biex jitlesta x-xoghol hi kienet sofriet il-hlas ta' multi u imghax addizzjonali ma' l-awtoritajiet u ghalhekk, implicitament, tirrezisti milli thallas l-ammont ta' €2,133.72c li l-attrici *proprio et nomine* tippretendi f'din il-kawza.

Mela hawnhekk ghandna kwistjoni fejn ditta (kif issa rapprezentata mill-eredi ta' l-*accountant* li kien imexxiha) qed tippretendi li tithallas ghax-xoghol professjonali li hi prestat lil u wettqet ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta, filwaqt li din ta' l-ahhar tinsab tirrifjuta li thallas lid-ditta abbazi tal-fatt li l-prestazzjonijiet professjonali kienu kemm imperiti u kif ukoll tardivi,[6] liema fatturi esponewha tbati xi hsarat konsistenti f'multi u imghax addizzjonali li allura, skond hi, m'ghandhiex thallas ghal tali xoghol.

Narrati l-posizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, it-Tribunal jikkunsidra hekk kif gej.

Ikun jixraq li l-ewwel u qabel kollox jigu ben individwat it-terren tal-prezenti litigju u kontestazzjoni. Dan huwa necessarju sabiex il-process ta' evalwazzjoni tal-provi u kwalsiasi eventwali decizjoni ikunu, f'kull stadju tal-procediment[7], dejjem bazati fil-ligi u normi guridici applikabbli. Is-soluzzjoni ta' vertenza, fost hwejjeg ohra, tiddependi mill-pedamenti taghha, u dawk il-pedamenti huma riflessi f'dak li jintalab fl-att promotur u kif ukoll fl-indole tal-linja difensjonali mqanqla. F'dan ir-rigward jigu senjalati dawn il-punti:

**(a)** Huwa indiskuss li l-istanza attrici hi msejjsa fuq rapport kuntrattwali instawrat bejn professjonist u klijent[8] fejn l-ewwel wiehed (id-ditta 'Mahoney & Co.') jintrabat li, b'hila, b'sengha u b'perizja, jippresta l-gherf u sapjenza teknika tieghu sabiex jaqdi l-ezigenzi kummercjali, ekonomici u/jew fiskali ta' dan ta' l-ahhar (socjetà konvenuta).[9] Il-legam li jorbot lil dawn iz-zewg figuri huwa ferm analogu

---

[6] Fit-trattazzjoni ta' l-gheluq, id-difensur tal-konvenuta sostna li l-allegazzjoni ta' negligenza u/jew traskuragni kienet ristretta ghall-fattur tad-dewmien (ara *a fol*. 79).

[7] "*Hemm tlett fazijiet successivi li iwasslu ghal perfezzjonament ta' sentenza; d-deliberazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-emissjoni*." (ara **Anthony Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 1979 *per* Imh. A. Rutter Giappone; mhux pubblikata).

[8] Dwar dan ara is-sentenzi *in re* **Ellith International Limited v. Capstone Advisory Co. Limited** u **Ellith Management & Sales Limited v. Capstone Advisory Co. Limited**, entrambi moghtija fis-7 ta' Ottubru, 2019 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kienu jitrattaw, *inter alia*, ir-relazzjoni kontrattwali bejn *accountant* u l-klijent tieghu.

[9] Skond l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fil-kaz nru. 2836 tas-26 ta' Frar, 2002, id-'Dottore Commercialista', kif maghruf fis-sistema Taljana, "*assumendo l'incarico, si impegna alla prestazione della propria opera per raggiungere il risultato desiderato, ma non al suo conseguimento*" (*cfr*. **PAOLO CENDON**, "La Colpa Nella Responsabilità Civile", UTET Giuridica, ed. 2006; §15.4; p. 549). In aggjunta, "*Si è già ditto che la prestazione d'opera intelletuale viene comunemente qualificata quale obbligazione di mezzi. Con il conferimento dell'incarico il professionista assume l'obbligo di apprestare i mezzi idonei a consentire il risultato e non, come accade per il prestatore d'opera (non intelletuale), l'obbligo di realizzare un risultato. Anche il dottore commercialista, quale*

ghal dak li javvolgi professjonisti ohrajn mal-klijenti rispettivi taghhom, hekk kif inhu l-kaz ta' avukati, nutara, tobba, dentisti, psikjatri u periti arkitetti.[10]

**(b)** Ghandu jkun ukoll indubitat li l-istanza attrici ssib ir-radici taghha fil-massima "omnia labor optat premium" li tfisser illi x-xoghol prestat ghandu jigi rikompensat ("ogni fatica merita ricompensa"). Infatti, jinsab maghruf illi, "*Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' prinċipju illi sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għall-vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi omnia labor optat premium.*" (**Nicky Saliba v. Kunsill Lokali Nadur**, Appell Superjuri, 2 ta' Marzu, 2010). Ghal kull bwon fini, ara wkoll *in re* **Ann Downer v. Sue Caruana** (Prim'Awla, 26 ta' Novembru, 2018).

**(c)** Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostitutiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). Bhala ezemplari, l-eccezzjoni tan-nullità jew dik tal-legittimità attiva jirrijentraw fl-ewwel kategorija (negazzjonijiet assoluti), mentri l-eccezzjoni ta' l-"usucapio", tal-preskrizzjoni estintiva, tal-perentorjetà/dekadenza jew dik tal-kompensazzjoni jikkazellaw ruhhom fit-tieni wahda (negazzjonijiet relattivi). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, galadarba l-oggett tal-procediment jibqa' immutat u l-*petitum* invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-parti attrici.

---

*professionista intelletuale è, quindi, un «debitore di mezzi» nel senso che non sarà tenuto alla realizzazione, con piena soddisfazione dell'interesse del creditore cliente, della finalità economica che questo intendeva raggiungere chiedendo l'intervento del professionista; sarà soltanto tenuto ad un comportamento idoneo a realizzare il risultato economic che il creditore si attende* […] *Di conseguenza dovrà considerarsi inadempiente quell commercialist ache abbia tenuto un comportamento negligente, imperito o imprudente e cioè un comportamento non rispettoso delle regole dell'arte che esercita e delle norme necessarie allo svolgimento della sua professione*." (*cfr*. **AUGUSTO BALDASSARRI** u **STEFANIA BALDASSARI**, "La Responsibilità Civile Del Professionista", Vol: II, Giuffrè ed., 2006; p. 1075).

[10] Dawn kollha jaqghu taht il-kappa ta' professjonisti intellettwali. Inkluz maghhom hemm l-*accountants* u l-awdituri hekk kif implicitament dezunt mis-sentenza *in re* **Stuart G. Craig et v. George Mifsud** (Appell Superjuri, 27 ta' Marzu, 1998; mhux pubblikata). Hemm ukoll dawn li jizvolgu arti liberali bhala perezempju l-gurnalist, *graphic designer*, fotografu, *film producer, advertiser, interiordecorator* u bosta ohrajn. Dwar dan ara *in re* **John R. Portelli noe v. C. Fino & Sons Ltd** (Appell Superjuri, 7 ta' Ottubru, 1997) u *in re* **Peter Busuttil v. Public Broadcasting Sercices Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta' April, 2004). Dawn kollha jinstawraw rabta kuntrattwali mal-klijent.

Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal perezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu), tali deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda, u cioè dik inizjata mill-attur: "*l'eccezione in sè considerata, non può ampliare i termini della controversia; potrà aumentare le questioni sottoposte al giudizio del magistrato, ma sempre ai fini della decizione della domanda posta dall'attore. In fatti, se scopo del convenuto è quello di poter ottenere il rigetto della domanda dell'attore, pure, il* thema decidendum *o oggetto del giudizio è quello posto dall'attore … l'eccezione è un mezzo destinato a paralizzare l'azione dell'attore, portando all'accoglimento dell'inversa azione di accertamento negativo del convenuto, ed immettendo nel processo delle questioni nuove al solo fine della decisione della domanda posta dall'attore, ma senza ampliare il tema fissato dall'attore con l'atto introduttivo.*" (**Mario Dini**, "La Domanda Riconvenzionale", Giuffrè 1954; §24, pp. 54–55).

**(d)** Jekk il-parti konvenuta tistenna oltre, hi trid testendi l-indagni tal-vertenza. Dan taghmlu billi tressaq it-talbiet ghaliha relattivi u pertinenti. Izda dawn ma jiehdux il-forma ta' eccezzjonijiet, izda ta' talbiet veri u proprji. F'tali sitwazzjoni, il-konvenut ghandu jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi[11] il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) *a se stante* u ulterjuri favur tieghu. Fi kliem divers, tirrikorri l-ipotezi tad-domanda rikonvenzjonali meta l-konvenut, li jiehu spunt u okkazzjoni mill-azzjoni proposta kontrih, jirrezisti u jopponi ghaliha b'kontro-domanda fejn jitlob gudizzju pozittiv ghalih u sfavorevoli ghall-parti attrici, gudizzju li jmur oltre s-semplici cahda tat-talba attrici (dik principali). Talba bhal dik ittendi li tisposta l-limiti tal-procediment

---

[11] Talba rikonvenzjonali ghandha ssehh solament fil-konfront tal-parti attrici u mhux fil-konfront ta' xi parti ohra fil-kawza, bhal perezempju, xi ko-konvenut. Dan hu rifless fid-decizjonijiet, fost ohrajn, *in re* **Gasan Insurance Agency Ltd noe v. Simon Soler et** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002) u *in re* **Georgina Vella xebba v. Emanuel Caruana et** (Appell Superjuri, 25 ta' April, 1986). B'zieda fuq din it-tematika partikolari, wiehed hu mistieden jara wkoll "La Domanda Riconvenzionale nel Diritto Processuale Civile" ta' **Mario Dini** (Giuffrè ed. 1954; pp. 56–57); "Conventientem Riconvenire" ta' **Cecilia Natalini** (Monduzzi ed. 2011; pp. 1–2); "Diritto Processuale Civile" ta' **Crisanto Mandrioli** u **Antonio Carratta** (Giappichelli ed. 2017, Vol. I; pp. 150–153); "Historic Maltese Legal Materials Series" kompendjat minn **Ugo Mifsud Bonnici** (Università ta' Malta, 2015, Vol: II; p. 44).

mibdi mill-attur li jkunu ffissati bit-talba promotorja principali. Tali limiti jigu allargati in segwitu ghall-attività tal-konvenut kif appena mfisser, li jitlob lill-gudikant biex jiddeciedi talbiet godda, li ma kinux imressqa mill-attur fid-domanda originali: "*In altri termini, il giudice non dovrà limitarsi a decidere se l'attore o il convenuto abbiano ragione, in ordine a quell'attività determinata dalla domanda giudiziale, ma anche se l'attore o il convenuto abbia ragione in ordine ad altre attività, che sono diverse dalla prima*" (**MARIO DINI**, *op. cit.,* p. 55). Fid-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol. XI–78** insibu asserit li, "*La riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso lato, inquantocchè il convenuto può opporre in giudizio all'azione contro lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione; cioè domanda quell che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio. Vi è riconvenzione, semprecchè per eccezione ad una domanda principale, si opponga un'altra domanda egualmente principale*."

**(e)** Generalment, id-domanda rikonvenzjonali hi deskritta bhala reazzjoni da parti ta' l-imharrek fil-gudizzju istitwit mill-attur, bhala talba gdida li tittraduci ruhha f'azzjoni tal-konvenut kontra l-attur. Hawnhekk, wiehed jara li b'din ir-reazzjoni, il-konvenut jwessa' l-kontroversja u dan l'ghaliex jitlob l-applikazzjoni ta' volontà guridika favurih kontra l-avversarju attur fl-istess kawza inizzjata minn dan ta' l-ahhar. Dan, konsegwentement, jaghmel l-attur originali bhala konvenut accidentali u lill-konvenut inizjali bhala attur *a se stante*: "*la riconvenzione è quell'istituto processuale in forza del quale il convenuto, traendo occasione dalla domanda attrice contro di lui avvanzata, chiede nella stessa lite, alla quale è collegata sostanzialmente, l'attuazione di una volontà legislativa a suo favore, indipendentemente dalla richiesta di rigetto della domanda*" (**MARIO DINI**, *op. cit.,* pp. 56–57). Il-kawza rikonvenzjonali, kif tradizzjonalment percepit, tizvolgi bejn l-istess partijiet fil-kawza, izda f'posizzjoni processwali invertita, fejn il-konvenut jilbes il-libsa ta' attur u l-attur jilbes dik ta' konvenut.[12]

Stabbilita tali retroxena legali ta' kif inhu mfassal dan il-procediment, it-Tribunal jikkunsidra ulterjorment hekk kif isegwi.

---

[12] Importanti wkoll li f'dan il-jedd difensjonali, jrid jirrizulta li jista' jaghmel uzu minnu solament il-konvenut fil-kwalità li huwa jkun tharrek fiha fl-azzjoni originali hekk kif ukoll statwit fl-Art. 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tghid hekk: "*Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu*." Ghal dak li jirrigwarda gurisprudenza dwar dan l-aspett, wiehed hu mistieden jara, fost ohrajn, id-decizjonijiet *in re* **Karl Bonello noe v. Emanuel Baldacchino et** (Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1997); *in re* **Alexis Vella et noe v. David Jones et noe** (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003 – konfermata fl-appell fis-27 ta' Jannar, 2006); u *in re* **Air Malta p.l.c. v. Lawrence Borg** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2004).

Mill-provi mressqa jirrizulta skontat u ovvju li x-xoghol li d-ditta ‘Mahoney & Co.’ kienet giet inkarigata taghmel gie effettivament imwettaq, approvat u eventwalment sottomess ma’ l-awtoritajiet koncernati.  M’hemm l-ebda allegazzjoni li turi li x-xoghol sehh in parte jew li kellu mankanzi jew deficjenzi tali li ma setax jigi approvat jew li lanqas ma seta’ jigi prezentat ghall-attenzjoni ta’ l-awtoritajiet amministrattivi.  Mill-istess provi – ghalkemm l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta donna tinferixxi mod iehor – jirrizulta illi x-xoghol kien sehh kollu u kien tajjeb.  M’hemm xejn fl-atti li jaghti indikazzjoni li x-xoghol gie redatt b’mod hazin jew li sehh mhux skond il-hila mehtiega.  L-eventwali approvazzjoni tieghu mill-konvenuta[13] hi xhieda ta’ xoghol skond l-aspettattiva taghha u ta’ xoghol sodisfacenti.  Apparti dan kollu, gie konfessat mid-difensur tal-konvenuta waqt it-trattazzjoni finali[14] li l-punt krucjali huwa dwar it-tardività u li l-allegata negligenza, ghalhekk, trid tigi valutata minn tali ottika ta’ dewmien.

Ghalhekk, dak l-aspett ta’ l-ewwel eccezzjoni li jikkwerela l-operat professjonali tad-ditta ‘Mahoney & Co.’, u cioè li “*x-xoghol ma sarx skont il-professjoni mehtiega*”, qed jigi skartat.

Aspett iehor minsug fl-ewwel eccezzjoni huwa dak tad-dewmien sabiex jitlesta x-xoghol da parti tad-ditta ‘Mahoney & Co.’ Dan huwa l-pern tal-kontiza tal-konvenuta li tirrezisti l-hlas minnha domandat.

Il-kwistjoni tad-dewmien hija fattur f’din il-kawza illi l-partijiet jaqblu fuqu, izda jinterpretawh minn ottika divergenti u minn punti di vista ferm differenti.  Parti tghid li kien gustifikat ghax cirkondat minn sitwazzjonijiet eccezzjonali mentri l-ohra tikkontendi li huwa deplorevoli ghal ditta professjonali stante li d-dewmien spicca biex esponiha ghal multi amministrattivi u imghax addizzjonali.

Skond l-atturi dan kien gustifikat minhabba cirkostanzi straordinarji li mpedew li x-xoghol isir b’pass normali u seren.  Fil-fatt, matul il-hidma fuq l-awditjar tal-kotba kummercjali tal-kumpannija konvenuta, Kevin Mahoney marad serjament (bil-kancer) u allura ma setax ikompli bih, filwaqt li l-persuna mbaghad delegata li twettqu ma setatx tkomplih u tiffanilizzah ukoll minhabba problemi ta’ sahha personali (f’siequ) u, wara, minhabba kumplikazzjonijiet ta’ sahha ta’ familjari (tat-tarbija tieghu).  Imbaghad tqabbad David Pace li kellu jerga’ jara x-xoghol li kien lahaq twettaq u jkompli fuqu sabiex jiffinalizzah.  Dawn ic-cirkostanzi kollha, xi ftit jew wisq, iffrustraw il-hidma serena

[13] Ara affidavit ta’ Keith Scerri *a fol*. 54.
[14] Ara senjatament *a fol*. 79.

u zammew il-pass ta' l-istess hidma milli jkun wiehed normali u spedit. Skond il-konvenuta d-dewmien jaghtiha dritt ma thallasx ghas-servizzi professjonali anke l'ghaliex l-istess tardività spiccat biex issarfet f'xi multi li kellha thallas lill-Malta Financial Services Authority u xi interessi lid-Dipartiment tat-Taxxi.

Kunsidrat kollox minn ottika oggettiva, id-dewmien fl-espletament ta' l-inkarigu tad-ditta 'Mahoney & Co.' kien wiehed gustifikat kunsidrat li l-istess ma mexiex bil-pass mistenni minhabba fatturi eccezzjonali. Ghandu jkun elementari, u kif ukoll mistenni, illi meta xi hadd jintlaqat minn mard serju (bhal ma hi l-marda tal-kancer) jew meta xi hadd iwegga' u jkollu problemi fizici jew meta xi membru tal-familja ma jkunx f'kundizzjoni ta' sahha idoneja (partikolarment jekk hi tarbija), il-professjonist hekk milqut ser jikkoncentra l-energiji kollha tieghu fuq l-aspetti personali. Bhala konsegwenza, l-attività professjonali ta' dak il-professjonist ser tbati certa riperkussjonijiet u b'korollarju ukoll il-klijentela tieghu. Izda, dawn huma cirkostanzi fil-hajja ta' bniedem li hadd m'ghandu kontroll fuqhom u huma sitwazzjonijiet li jimpedixxu l-andament ideali li kull individwu jistenna fil-hajja, kemm privata u kif ukoll dik lavorattiva. Dawn huma kontingenzi anomali u inaspettati li jarrestaw il-perkors seren u fluwidu ta' dik id-deziderata normalità kwotidjana implicitament mistennija minn kulhadd. Kulhadd huwa, xi darba jew ohra, suggett jew suxxettibbli li jigi milqut b'tali avvenimenti xejn pjacevoli. L-influwenza negattiva ta' xi grajja personali serja (bhal ma hu mard gravi, proprju jew ta' qarib, jew anke mewt) fuq l-andament lavorattiv ta' professjonist hi haga innegabbli. Izda dak li huwa imperattiv huwa l-gestjoni *ex post facto* ghal tali cirkostanzi.

Fil-kaz odjern, ghalkemm kien hemm tali avvenimenti, jirrizulta li Nicolette Mahoney, mart Kevin Mahoney, hadet mill-ewwel ir-riedni f'idejha u ghamlet dak kollu necessarju sabiex, wara li gie subit il-kolp fuq sahhet zewgha, l-attività professjonali tad-ditta 'Mahoney & Co.' ma tieqafx hesrem izda illi din tkompli.[15] Infatti, tqabbad Stephen Caruana u meta dan Caruana ma setax ikompli bil-hidma, immedjatament tqabbad David Pace sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg relattiv ghall-kumpannija konvenuta. Mill-affidavit ta' Nicolette Mahoney, ta' Stephen Caruana u ta' David Pace it-Tribunal jiehu idea ta' dik id-debita professjonalità u r-rikjesta diligenza biex kemm jista' jkun malajr jigu skavalkati mumenti difficli jew cirkostanzi problematici halli l-hidma tkompli u x-xoghol jitlesta halli b'hekk il-klijent jinghata dak mistenni. Nonostanti tali sforzi, il-fattur 'zmien' ma setax jigi rimedjat l'ghaliex hadd m'ghandu s-setgha li jdawwar l-arlogg lura. Madanakollu, jirrizulta li d-ditta 'Mahoney & Co.', tramite David Pace, hadet hsieb ukoll

[15] Hawn issir referenza ghall-affidavit taghha li jaghti deskrizzjoni dettaljata tal-passi li hadet (ara *a foll*. 18–21) u ghad-dokumenti mieghu mehmuza (*a foll*. 22–43). Tali verzjoni u dokumentazzjoni giet korroborata minn David Pace u Stephen Caruana fl-affidavits rispettivi taghhom (ara *a foll*. 44–45 u *a foll*. 51–52 b'mod rispettiv).

twettaq tentattiv sabiex tirrimedja ghal tali fattur u dan huwa rifless fl-ittri li kien bghat l-istess David Pace lil Malta Financial Services Authority u lid-Dipartiment tat-Taxxi sabiex tinhafer kwalsiasi multa jew penali jew interessi li talvolta gew imposti u dan minhabba ragunijiet specjali, eccezzjonali u umanitarji.[16]

Ghalhekk, dak l-aspett ta' l-ewwel eccezzjoni li jikkwerela d-dewmien fl-operat professjonali tad-ditta 'Mahoney & Co.' li, skond il-kumpannija konvenuta, jaghmilha traskurata, qed jigi wkoll rigettat.

Aspett iehor li johrog lejn l-ahhar ta' l-ewwel eccezzjoni huwa dak tat-tigrib ta' hsara minhabba l-imsemmi dewmien.

Dwar dan l-aspett it-Tribunal jirreferi ghas-senjalazzjonijiet tieghu *supra* dwar kif konvenut jiddeciedi jirrezisti ghal talba promossa kontrih (i.e., b'semplici eccezzjoni jew ukoll b'talba rikonvenzjonali). Fil-kaz tal-lum, it-Tribunal ghandu quddiemu t-talba attrici u c-cahda taghha da parti tas-socjetà konvenuta. Il-konvenuta illimitat ruhha li tikkontesta l-azzjoni attrici bla ma tintroduci kontro-talba. Ghalhekk, lil hinn milli jqis d-domanda attrici, it-Tribunal huwa solament fakoltizzat li merament iqis dawk l-aspetti ancillari li jafu johorgu mil-linja difensjonali tal-konvenuta imma jinsab prekluz li jakkordalha xi haga, specifikatament ghax mhux ritwalment jew formalment domandat. Kif imfisser *in re* **Il-Pulizija v. Carmelo *sive* Charles Dingli** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2007), "*hu assjomatiku li biex taqla' xi haga mill-Qorti l-ewwel trid titlobha. Ebda Qorti ma takkorda xejn jekk ma tigix mitluba biex taghmel dan.*" Ghalkemm il-bran huwa derivat mill-kamp kriminali, l-istess taghlim japplika b'egwa forza ghal qasam tal-procedimenti civili.

Inoltre, jizdied jigi osservat dak li gej.

Fil-kors tal-kawza, il-konvenuta ezebit dokumenti[17] li juru li hallset multi jew taxxa addizzjonali minhabba l-kwistjoni tad-dewmien fis-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni. Jidher illi s-somma minnha mhallsa hi komplessivament fl-ammont ta' €1,104.00c (€350.00c[18] + €754.00c[19]). Ghalkemm mhux imlissen espressament f'din l-eccezzjoni, donnha li hawnhekk il-konvenuta qed tistenna li, b'mod sussidjarju, dan it-Tribunal

[16] Madanakollu ma jidhirx li l-awtoritajiet applikaw tali stedina.
[17] Annessi mal-affidavit tad-direttur taghha, Keith Scerri (*a fol*. 54 *et seqq*.).
[18] Ara *a foll*. 64–65.
[19] Ara *a fol*. 67.

ihaddem mekkanizmu ta' kompensazzjoni gudizzjali[20] jew ta' tpacija legali.[21] Jinsab rikonoxxut illi, "*La proposizione dell'eccezione di compensazione non necessita dell'uso di formule sacramentali, essendo sufficiente che dal comportamento difensivo della parte risulti univocamente la volontà di ottenere la dichiarazione dell'estinzione del credito*."[22] (*cass. civ*. nru. 2289/2000, nru. 7257/2002 u nru. 11147/2003 – *cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, CEDAM 8ª ed., 2007; p. 1375). [23]

F'dan ir-rigward it-Tribunal josserva hekk kif gej.

Skond l-Art. 1196 tal-Kodici Civili, meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure*. Din it-tpacija ssir anke minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. L-Art. 1197 ta' l-istess Kodici jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.[24]

Dan kollu ma jissufragax il-posizzjoni tal-konvenuta. Dan l'ghaliex irid ikun hemm zewg t'idjun, b'zewg kredituri u b'zewg debituri reciproci fl-istess waqt, ossia l-parti attrici trid tkun kreditrici ta' dik konvenuta ghal dejn specifiku u simultanjament il-parti konvenuta tkun hi wkoll kreditrici ta' dik attrici ghal dejn iehor specifiku. Fil-kaz taghna, il-posizzjoni tal-kumpannija konvenuta hi ta' semplici debitur di fronti ghall-pretiza attrici. L-ammont ta' €1,104.00c minnha saldat ma' l-awtoritajiet ma jaghtihiex awtomatikament il-libsa ta' kreditrici fil-konfront ta' l-atturi, izda *se mai*, l-istess konvenuta tehtieg tiehu passi

[20] Dwar kompensazzjoni gudizzjali ara *in re* **C. Fino & Sons Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 28 ta' Settembru, 2007) li spjegat, "*li gudikant jirrikorri ghaliha meta l-kreditu oppost mill-konvenut ikun wiehed li jkun jista' facilment jigi likwidat*."

[21] Dik li tapplika in forza tal-Ligi *ex* Art. 1196 u 1197.

[22] Lanqas ma huwa mehtieg li tali eccezzjoni – li hija mezz li testingwi l-obbligazzjoni ex Art. 1145(d) Kodici Civili – illi tinghata qabel kull eccezzjoni ohra per via preliminare qabel kull eccezzjoni ohra li talvolta tkun tikkompeti lill-konvenut kreditur-debitur, izda tista' tinghata wkoll sussidjarjament ghal-eccezzjonijiet ohra. F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara "Principii di Diritto Civile" (Leonardo Vallardi ed. 1885; Vol.XVIII, §386, pp.311–312) tal-gurista **FRANÇOIS LAURENT**.

[23] Fid-decizjoni *in re* **Penza Tarmac Limited v. Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited et** (Prim'Awla, 28 ta' April, 2016) inghad li johrog car illi t-tpacija tista' temana mill-eccezzjonijiet tal-konvenut, basta tkun espressa. Tali asserzjoni sehhet abbazi tas-sentenza in re **Marianna Spiteri et v. Joseph Vella** (Prim'Awla, 3 ta' Mejju, 1993 riportata f'*Kollez*. Vol. LXXVII-III-128). Madanakollu, minn qari ta' din l-ahhar sentenza ma jirrizulta minn imkien fiha li hemm affermat illi tali eccezzjoni tista' tohrog mill-eccezzjonijiet, basta tkun espressa. Anzi mill-istess sentenza jirrizulta car illi kienet inghatat eccezzjoni skond l-Art. 1196 – 1197 tal-Kodici Civili (*vide* t-tielet pagna tas-sentenza).

[24] Minn dan isegwi li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur. F'dan is-sens, fost ohrajn, ara *in re* **Perit Vincent Cassar noe v. Nicholas sive Lino Debono et** (Prim'Awla, 22 ta' Marzu, 2005) u *in re* **Maureen Scicluna v. Dr Anthony P. Farrugia** (Appell Inferjuri, 6 ta' April, 2005).

appoziti biex tkun tista' tigi klassifikata jew meqjusa bhala tali. Mankanti tali posizzjoni u fatturi, kwlasiasi allegata tpacija fil-prezenti kaz ma tista' qatt issehh *ex lege*. Ghal dak li jirrigwarda l-kompensazzjoni gudizzjarli, kien ikun mod iehor li kieku l-konvenuta ressqet talba rikonvenzjonali[25] izda dan m'ghamilitux.

Inoltre, ingredjent necessarju ta' l-istitut tal-kompensazzjoni huwa dan. It-tpacija, f'sens guridiku, tippostula l-awtonomija tar-rapporti ghal liema jirreferu l-krediti li jkunu qed jigu kontra-opposti ghal xulxin mill-partijiet u cioè li l-partijiet jehtiegu jirraprezentaw zewg centri ta' interess ekonomici separati u distakkati minn xulxin, fejn l-invertibilità hija karatteristika implicita. L-imsemmija invertibilità tiprospetta li skond l-angolu ta' perspettiva, wiehed mill-partijiet jista' jigi definit kreditur u debitur u, fl-istess waqt, viceversa ghall-parti l-ohra. Ghalhekk, il-kompensazzjoni m'hijiex applikabbli meta il-krediti u d-debiti rispettivi tal-partijiet ghandhom origini minn rapport uniku singolari interkors bejn l-istess partijiet (bhal perezempju r-reciproci krediti ghar-rizarciment ta' hsarat derivanti minn event sinistru uniku prodott minn ghemejjel/azzjonijiet kolpuzi komkomitanti). Fuq dan l-aspett, insibu ritenut mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana [*cass. civ*. nru. 5349/2005] illi huwa "*necessario che le suddette obbligazioni, quale che sia il rapporto (o i rapporti) da cui esse prendono origine, siano autonome, ovvero non legate da nesso di sinallagmaticità*." (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, CEDAM 8ª ed., 2007; p.1370). L-istess Qorti estera [*cass. civ*. nru. 1784/1993] sostniet ukoll illi, "*la disciplina della compensazione non è applicabile nelle controversie in cui le parti facciano valere contrapposti crediti derivanti dal medesimo rapporto, anche se uno di essi trovi titolo nella legge e l'altro nel contratto*." (*ibidem*). Skond **FRANCESCO GALGANO** ("Trattato di Diritto Civile", CEDAM 2009; Vol.II, §20, p.104), "*La compensazione presuppone … che i debiti e crediti reciproci ineriscano a rapport giuridici diversi, intercorrenti fra le medesime parti in forza di autonome fonti di obbligazione. Così il credito per il pagamento del prezzo di una vendita si compensa con il credito di restituzione di una somma che il venditore abba dato in mutuo al compratore. Così, se fra una banca e un medesimo cliente esistano separate contratti, i saldi attivi e passivi si compensano. Diverso è il caso in cui pretese attive e passive reciproche si fronteggiano fra le parti di un medesimo contratto, come*

[25] Fil-kawza *in re* **Stefan Zrinzo Azzopardi noe v. Michael Vella noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Frar, 1995 [*Kollez*. Vol.LXXIX-IV-1371] intqal illi mid-disposizzjonijiet tal-ligi johrog car li l-kontro-talba tista' ssir mhux biss meta tkun konnessa mat-talba ta' l-attur izda tista' ssir ukoll bi skop ta' kompensazzjoni jew bl-iskop biex b'kull mod iehor iggib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew timpedxxi l-effetti ta' l-azzjoni attrici. Wiehed hu mistieden jara wkoll is-sentenza *in re* **Av. Dr. Kevin F. Dingli et noe v. SURGIQUIP Limited**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Civili, Superjuri) fis-16 ta' Dicembru, 2003 [App. Civ. Nru: 1316/1998] li trattat il-materja tal-kontro-talba abbinata mal-kwistjoni tat-tpacija. Ghalhekk il-kontro-talba tista' ssir bl-iskop ta' tpacija. Illi fil-kaz odjern, jigi ribadit, ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali, u *ergo* l-ebda talba formali sabiex tigi reza fix-xejn l-azzjoni attrici jew timpedxxi l-effetti ta' l-azzjoni attrici.

*nel caso in cui al venditore che pretenda il prezzo della cosa venduta il compratore opponga una pretesa di danni basata sui vizi della cosa stessa; o come fra banca e cliente nell'ambito di un medesimo contratto di apertura di credito in conto corrente: qui non c'è compensazione in senso tecnico, ma solo una variazione quantitativa del credito di una parte nei confronti dell'altra*."

Dan hu rikonoxxut mill-Qrati taghna. Infatti, fid-decizjoni *in re* **Howard Whitton et v. June Laferla** (Prim'Awla, 7 ta' Lulju, 2017) insibu ribadit, b'referenza ghal gurisprudenza ulterjuri, li, "*il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet*" u "*Ghall-fini ta' tpacija huwa essenzjali li dawn iz-zewg debiti jkunu awtonomi u distinti minn xulxin*." Ir-raguni ghal dan insibuha mfissra, fost sentenzi ohra, fid-decizjoni *in re* **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Emidio Azzopardi pro et noe** (Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2005) fejn inghad, *inter alia*, hekk: "*hu postulat li l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti distinti, u mhux minn rapport uniku. Dan huwa bil-wisq logiku in kwantu jekk jemergu mill-istess rapport si tratta ta' semplici kontabilità fejn min hu msejjah biex jarbitra jew jiggudika jista' jipprocedi anke minghajr l-eccezzjoni specifika tat-tpacija mill-parti jew tal-proposizzjoni ta' talba rikonvenzjonali*." Inoltre, fil-kawza *in re* **Perit Vincent Cassar noe v. Nicholas Sive Lino Debono et** (Prim'Awla, 22 ta' Marzu, 2005), fuq l-iskorta tad-duttrina, il-Qorti affermat hekk: «*Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li tintwera "l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorità interpretativa li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico"*»

Kif rajna, il-konvenuta donna tippretendi li l-ammont mitlub mill-attrici jigi, in parti, ikkumpensat ma' l-iehor li giet kostretta thallas lill-awtoritajiet. Madanakollu tali pretiza tal-konvenuta torigina mill-istess rabta interkorrenti bejniethom u ssib is-sors taghha fl-istess qaghda antecedenti fattwali, purké konsegwenzjali. Hu presuppost necessarju, kif intwera *supra*, illi l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti distinti, u mhux minn rapport uniku. Addizzjonalment, il-konvenuta ma ghamlet xejn f'dan il-procediment biex taghti aktar sustanza lill-allegazzjoni taghha hlief li sostniet li kellha thallas ammonti

zejda minhabba tardività u li ezibit xi dokumenti.[26] Fl-isfond ta' kif inhi arginata u msejjsa l-kontiza mil-lat ritwali, dan mhux sufficjenti ghal dan it-Tribunal.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, dan l-aspett ta' l-ewwel eccezzjoni qed jigi wkoll rigettat.

Inoltre, mis-sens generali ta' l-ewwel eccezzjoni, partikolarment l-ewwel parti taghha li tghid li l-ebda ammont m'hu dovut lid-ditta 'Mahoney & Co.', jidher implicitu li l-konvenuta donna qed tinvoka l-fatt li n-nuqqas ta' adempiment professjonali jiggustifika l-inadempiment taghha milli thallas ghas-servizz professjonali.

Dwar dan l-aspett it-Tribunal jikkunsidra hekk kif isegwi.

Ghalkemm ma tghidhiex b'mod apert u espress, il-linja difensjonali mehuda mill-kumpannija konvenuta donnha qed tikkontesta l-azzjoni attrici bl-"exceptio inadimpleti contractus" jew "vel exceptio non rite adimpleti contractus".[27] Kif inhu risaput, l-unika differenza bejn dawn iz-zewg forom ta' l-istess difiza hija biss li fl-ewwel kaz l-attur ikun naqas ghal kollox milli jezegwixxi l-obbligazzjoni kuntrattwali, mentri fit-tieni kaz l-inadempiment tieghu jkun parzjali jew mhux kif suppost. Mill-kumpless tal-provi sottomessi f'dan il-kaz, jidher li hawnhekk il-konvenuta tinsab tirreferi ghat-tieni figura ta' l-imsemmija eccezzjoni, ossia l-inadempjenza in parte u/jew mhux kif suppost. Dawn huma ftit riljevi dwar tali eccezzjoni:

**(i)** Tali eccezzjoni hija wahda ta' sustanza u mhux ta' forma, tant li jinsab ritenut illi din l-eccezzjoni "*non richiede l'adozione di forme speciali o formule sacramentali, essendo sufficiente che la volontà della parte di sollevarla sia desumibile, in modo non equivoco, dall'insieme delle sue difese*" (*cass. civ*. tad-29 ta' Settembru, 2009; decizjoni nru. 20870 – *cfr*. "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza" ta' **ROBERTO GIOVAGNOLI**, 2ª ed., Giuffrè 2010; p. 1980). Inoltre, kif lokalment rikonoxxut, hu pacifiku li l-allegazzjoni ta' inadempiment tista' tigi ssollevata "per via d'eccezione".[28] Dan hu implicitu fid-decizjonijiet *in re* **Av. Dr.**

---

[26] "*Gli elementi di fatto su cui si basa l'eccezione di compensazione debbono essere provati in modo completo e univoco dalla parte che ha proposto tale eccezione*." (*cass. civ*. nru. 909/1972 – *cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, CEDAM 8ª ed., 2007; p. 1375).

[27] L-eccezzjoni ta' inadempjiment tal-kuntratt (i.e., li l-obbligazzjoni kontrattwali ma sehhitx) jew l-eccezzjoni ta' l-adempjiment inezatt tal-kuntratt (i.e., li l-obbligazzjoni kontrattwali sehhet *in parte* jew mhux kif suppost).

[28] Fil-kawza *in re* **Fr. Colin Apap v. Kevin Vassallo** (Appell Superjuri, 25 ta' April, 2008) naraw illi l-attur f'dik il-kawza ikkontenda li d-difiza tal-konvenut ma kinitx sostenibbili "ope exceptionis", fis-sens li jekk il-konvenut kien qieghed isostni li l-attur naqas mill-obbligi tieghu, hu messu azzjona lill-attur biex iwettaq l-obbligi tieghu jew inkella li jitlob li jigi mahlul mill-obbligi tieghu. Kemm l-ewwel Qorti u dik tat-tieni grad ma qablux u sostnew

**Luigi A. Sansone noe v. Nicola Romano** (Appell Superjuri, 30 ta' Ottubru, 2009); *in re* **Theodora Gauci Borda et v. Frank Saverio Borda** (Appell Inferjuri, 7 ta' Novembru, 2008); *in re* **Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et** (Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965); *in re* **Celestino Muscat v. Giovanni Attard et** (Appell Civili, 3 ta' Gunju, 1938); u *in re* **Dr. Sir Ugo P. Mifsud noe v. Guido Abela noe** (Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935).

**(ii)** L-istess eccezzjoni hi bbazata fuq il-principju ekwitattiv ta' "frustra sibi fidem serbare adeo quis postulat qui fidem a se præstatem servare recusat" (*vide* d-decizjoni **Dr. Sir Ugo P. Mifsud noe v. Guido Abela noe**, citata hawn fuq) u titnissel mill-principju generali ta' dritt "inadimplenti non est adimplendum"[29], u permezz taghha l-kontraent li jigi azzjonat ghax-xoljiment tal-kuntratt jew ghall-ezekuzzjoni tieghu,[30] ghandu jedd li, "ope exceptionis", jottjeni r-rikonoxximent "ex tunc" tad-dritt tieghu li jissospendi l-esekuzzjoni min-naha tieghu sakemm l-attur jibqa' hu wkoll inadempjenti. B'hekk, f'kaz li l-eccezzjoni tinstab fondata, l-konvenut jirnexxielu jipparalizza l-azzjoni mressqa kontrih.

**(iii)** Tajjeb li jigi precizat li fis-sistema tal-ligi Maltija – tnehhi forsi l-Art. 1391 tal-Kodici Civili[31] u l-ewwel zewg sub-incizi ta' l-Art. 1392 tal-istess Kodici,[32] entrambi relattivi ghall-istitut li jittratta "Fuq il-Bejgh"[33] – ma nsibu l-ebda disposizzjoni

---

li,"*hi fehma tal-Qorti li ma kien hemm xejn x'jzomm lill konvenut milli jressaq l-eccezzjoni ta' l-inadempiment ta' l-obbligi assunti mill-attur minflok ma jagixxi b'azzjoni bazata fuq il-patt kommissorju*."

[29] Il-kontraent inadempjenti m'ghandu l-ebda dritt ghall-adempiment tal-kontro-prestazzjoni. Kif kondiviz mill-Qorti ta' l-Appell (sede superjuri) *in re* **Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud pro et noe** (12 ta' Frar, 2016), dan il-principju "*… huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronte ghall-kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra*."

[30] Id-difiza ta' *"exceptio non adempliti contractus"* – li kif rajna hija eccezzjoni intiza biex tipparalizza d-domanda attrici – hija accettabbli fil-kaz mhux biss meta jkun hemm 'inadempjenza assoluta', imma anki dik parzjali jew f'kaz ta' difett. Dan ikkonfermatu s-sentenza *in re* **Carmelo sive Charles Mallia v. Ivan John Fonk** (Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1975; mhux pubblikata) fejn, *inter alia*, qalet illi, "*Bhala regola, l-konvenut ghandu dritt jopponi ghat-talba ta' l-exceptio rite adempliti contractus meta ma jkunx hemm inadempjement assolut u totali, imma jkun hemm adempjent parzjali jew difettuz. L-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma «bene a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti»*."

[31] L-Art. 1391 Kod. Civ. jipprovdi hekk: "*Il-bejjiegħ mhux obbligat jikkunsinna l-ħaġa jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-bejjiegħ ikun ta lix-xerrej żmien għall-ħlas*."

[32] L-Art. 1392(1) Kod. Civ. jghid hekk: "*Il-bejjiegħ lanqas mhu obbligat għall-kunsinna tal-ħaġa, għalkemm ikun ta żmien lix-xerrej għall-ħlas tal-prezz, jekk, wara l-bejgħ, ix-xerrej ikun naqqas b'egħmilu l-garanziji li bil-kuntratt kien ta lill-bejjiegħ.*" Is-subinciz ta' warajh jghid hekk: "*Lanqas mhu obbligat għall-kunsinna jekk, wara l-bejgħ, ix-xerrej ifalli, jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel b'mod li l-bejjiegħ ikun fil-periklu li jitlef il-prezz.*"

[33] Fid-decizjoni *in re* **Nazzareno Vassallo et noe v. Dr. Michael Caruana et noe** (Qorti tal-Magistrati (Ghawdex – sede superjuri], 20 ta' Gunju, 2008 konfermata fl-appell fid-29 ta' Ottubru, 2010, hlief ghal varjazzjoni fil-*quantum* tad-danni) inghad, *inter alia*, hekk: "*Il-Kodici Civili taghna jaghmel accenn ghal din l-eccezzjoni fir-rigward biss*

specifika koncernanti l-eccezzjoni ta' l-inadempjiment, kuntrarjament kif insibu fil-Kodici Civili Taljan, taht l-Art. 1460 tieghu.[34] Ciononostante, hu pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "*tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu*" (**Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilieri**, Prim'Awla, 11 ta' Ottubru, 1966; mhux pubblikata). Din l-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parti ta' dak il-haddiehor li mieghu kien ikkuntratta. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza domestika. Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha, hi s-sentenza *in re* **Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et** (Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965; mhux pubblikata). Fiha jinghad illi, "*din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni.*"[35] L-appena citat taghlim dottrinali gie kondiviz u mtenni fis-sentenza *in re* **Francis Cassar v. Spiridione Mizzi et** (Appell Kummercjali, 21 ta' Lulju, 1965), u flimkien mal-gurisprudenza Taljana – tant taht il-Kodici Civili Taljan abrogat u kemm taht dak illum vigenti – jikkontjenu taghlim li jfornu gwida pregjevoli dwar din it-tematika, salv, naturalment, certi apprezzamenti guridiko-fattwali li huma, inevitabilment, rimessi ghad-diskrezzjoni u kuxjenza ta' min hu tenut jiggudika.

---

*tal-bejgh ... Madankollu huwa accettat fid-dottrina illi din l-eccezzjoni tista' tapplika anke fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali iehor*."

[34] L-Art. 1460 Kod. Civ. Taljan ighid hekk: «*Nei contratti con prestazioni corrispettive, ciascuno dei contraenti può rifiutarsi di adempiere la sua obbligazione, se l'altro non adempie o non offre di adempiere contemporaneamente la propria, salvo che termini diversi per l'adempimento siano stati stabiliti dalle parti o risultino dalla natura del contratto. Tuttavia non può rifiutarsi l'esecuzione se, avuto riguardo alle circostanze, il rifiuto è contrario alla buona fede*.»

[35] Ghalkemm din ic-citata decizjoni tista' tigi ritenuta bhala s-sentenza klassika dwar it-tematika in diskussjoni, ghall-kompletezza jrid jinghad illi gia qabilha kien gie osservat illi, "*il-principju 'inademplendi non est ademplendum' huwa bbazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronti ghal kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra*" (**Celestino Muscat v. Giovanni Attard *et***, Appell Civili, 3 ta' Gunju, 1938).

**(iv)** Malgrad li fis-sistema Maltija m'ghandniex disposizzjoni *ad hoc* bhall-Art. 1460 tal-Kodici Civili Taljan il-gdid, l-"exceptio inadimpleti contractus" tista' tigi sollevata b'mod generali relattivament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament u, barra minn dan, l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu, u mhux biss kontra l-azzjoni ghar-rizoluzzjoni izda anke kontra l-azzjoni ghall-ezekuzzjoni, ossia hlas, bhal ma qed taghmel l-attrici *proprio et nomine* f'dan il-kaz. L-Art. 1460 Kodici Civili Taljan vigenti m'ghamilx, ghalhekk, hlief ta' forma statutorja lir-regola li ahna napplikaw bis-sahha tal-principju generali, kif *del resto* kien isir fil-qrati Taljani anki taht il-Kodici taghhom tal-1865, li ma kienx fih l-imsemmija disposizzjoni. Infatti, il-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Ruma *in re* "Jacobini vs. Mariani" (decizjoni nru. 462 tal-11 ta' Ottubru, 1883) iddecidiet li, "*Chi ha diritto a quest'azione di risoluzione non è obbligato a farla valere previamente in linea giustiziaria, bastandogli dimostrare, in via di eccezione, la inadempienza del contratto da parte di colui che ne pretenda l'osservanza*." Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Turin citata fl-opra ta' **FRANCESCO RICCI**, "Corso Teorico-Pratico Di Diritto Civile" (UTET 1912; Vol.VI, §122, p. 162).

Issa, biex eccezzjoni bhal din tkun tista' tigi akkolta, jehtieg li jirrikorru, skond il-gurisprudenza lokali u dik Taljana (liema gurisprudenza estera tista' ukoll isservina ta' gwida f'din il-materja, u li giet wisq arrikkita mal-kors taz-zminijiet[36]), numru ta' kundizzjonijiet,[37] u cioè:

---

[36] Inhasset il-htiega li t-Tribunal – kemm hawnhekk u kemm f'partijiet ohra ta' din id-decizjoni – idur lejn id-duttrina legali u decizjonijiet esteri proprju ghaliex fin-nuqqas ta' illuminazzjoni mil-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle et** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez*. Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez*. Vol. VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez*. Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-Qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta*, komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan*, promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 - Decisione N° 346 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)-421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 - Decisione N° 334 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)-401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (1801-1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq*.]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-

**a.** l-ewwelnett jehtieg li si tratta ta' **<u>obbligazzjonijiet korrispettivi</u>** fiz-zewg kontraenti radikati fl-istess rapport sinnalagmatiku[38] bejniethom, cioè li l-inadempjenza ta' l-attur li jagixxi ghall-ezekuzzjoni tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-ftehim.

Kif qalet il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fit-13 ta' Frar, 1958 (decizjoni nru. 459), "*Occorrono, per poter avere l'exceptio inadempleti contractus, la simulaneità e la corrispettività delle due prestazioni, che devono essere tra le principali nascenti dal rapporto, e la loro derivazione da un unico rapporto o da un'unica fonte di regolamenti di interessi.*" (*cfr*. "Massime di Giustizia Civile" 1958, p.161). Skond l-istess qorti estera (decizjoni nru. 7701 tat-8 ta' Settembru, 1994) din l-eccezzjoni "*è opponibile non già per il semplice fatto che essa si riferisca ad un contratto dal quale derivano obbligazioni per entrambe le parti, ma solo in quanto sussista un rapporto di corrispettività tra la prestazione non ademputa e quella di cui si pretende che sia stato rifiutato l'adempimento*" (*cfr*. "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza" ta' **ROBERTO GIOVAGNOLI**, 2ª ed., Giuffrè 2010; p.1980). Inoltre, skond id-decizjoni tal-Kassazzjoni Civili tal-11 ta' Frar, 1987 (decizjoni nru. 1489), "*Essa, pertanto, è opponibile soltanto nell'ambito di un medesimo*

---

*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle* ***opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali****.*" [enfazi mizjuda minn dan it-Tribunal]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata «DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE», Art. 12, 2º comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, Nº 3 - disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

[37] Il-kundizzjonijiet li ser jigu elenkati *infra* huma estratti mis-sentenza fuq kwotata *in re* **Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilieri** li fuqhom it-Tribunal odjern zied taghlim addizzjonali u amplifika l-istess biex jiehu qies tal-posizzjoni dottrinali moderna dwar il-materja.

[38] "*da sinallagma, che è dal greco* synàllagma *accordo, da* synallàsso *stipulare, composto da* syn *insieme e* allàsso *prendere e dare in cambio. Si tratta di una parola del lessico giuridico: è un gran parolone, ma non vano, infatti ha un significato molto preciso e rilevante. Si dice sinallagmatico quel negozio che fa sorgere delle obbligazioni corrispettive fra le parti contraenti. Il caso più semplice di contratto sinallagmatico è la compravendita: io ti consegno un oggetto, tu mi versi un prezzo. Questa parola mette in luce un equilibrio di interessi naturale e curioso: la mia prestazione trova la sua causa nella tua prestazione. Il sinallagmatico resta quindi ciò che è caratterizzato da reciprocità: ad esempio, non sono sinallagmatici un testamento, un comodato, una donazione; invece lo sono compravendita e locazione. Fuori dal gergo giuridico, difficilmente questa parola può essere usata; ciononostante, il concetto che offre è importante: ci parla di una reciprocità concreta, tabellare, su cui fondiamo la nostra vita sociale*." (*cfr*. http://unaparolaalgiorno.it/significato/S/sinallagmatico).

*rapporto negoziale e non in altro autonomo rapporto, sia pure intercorso tra le stesse parti.*" (*ibid*.).

**b.** madanakollu – bhala parentezi ghall-ewwel punt appena maghmul – lanqas ma huwa eskluz li, **<u>f'cirkostanzi xierqa, zewg kuntratti (jew aktar) awtonomi bejn l-istess persuni jigu kunsidrati unitarjament</u>**, specjalment meta il-kawzali jew finalità ekonomika taghhom tkun wahda, hekk kif tissenjala g-già citata decizjoni *in re* **Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilleri**.

Bhala ezempju, jista' jisemma l-att nutarili ta' bejgh ta' immobbli u l-iskrittura privata dwar appalt li fil-prattika negozjali moderna jsehhu simultanjament bejn l-istess partijiet kontraenti dwar l-istess beni immobljari. Dejjem kunsidrat l-isfond tac-cirkostanzi prevalenti, ghalkemm iz-zewg kuntrattazzjonijiet skritti huma oggettivament awtonomi, l-obbligazzjonijiet reciproci assunti f'wahda jafu jinfluwixxu fuq l-prestazzjonijiet rakkjuzi fl-ohra u vice versa. In fatti, kif ritenut f'diversi decizjonijiet tal-Kassazzjoni Taljana (nru. 3397 ta' l-1984; nru. 19556 ta' l-2003; u nru. 5938 ta' l-2006), "*Il principio inadimplenti non est adimplendum opera anche con riguardo a inadempienze inerenti a rapporti sostanzialmente diversi solo se le parti, nell'esercizio del loro potere di autonomia, abbiano dato luogo a distinti rapporti negoziali, contestuali o meno, i quali, pur caratterizandosi ognuno in funzione della propria causa e conservando l'individualità propria di ciascun tipo negoziale, siano stati concepiti e volute come funzionalmente e teleologicamente*[39] *collegati tra loro e posti in rapporto di reciproca interdipendenza, sicché le vicende dell'uno debbano ripercutorsi sull'altro, condizionando la validità e l'efficacia*" (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, 8ª ed., CEDAM 2007; p.1837).

**c.** it-tieni kundizzjoni hija li **<u>l-inadempjenza allegata mill-konvenut trid tkun verament imputabbli lill-attur</u>** u mhux (lil hinn minn forza magguri u ragunijiet ohra estranei ghalih) provokata mill-inadempjenza tal-konvenut innifsu.[40]

---

[39] "*La teleologia (dal greco «télos» = fine, scopo e «lógos» = discorso, pensiero) è la dottrina filosofica del finalismo, che concepisce l'esistenza della finalità non solo nella comune attività volontaria dell'uomo razionale indirizzata alla realizzazione di uno scopo ma anche in quelle sue azioni involontarie e inconsapevoli che tuttavia realizzano un fine*" (*cfr*. "Enciclopedia Treccani" alla voce corrispondente). Applikazzjoni ta' tali principju narawh fil-gurisprudenza patria *in re* **Edward Privitera v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010; mhux pubblikata) u *in re* **Paul Ciantar v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 18 ta' Gunju, 2010; mhux pubblikata).

[40] Kif ritenut *in re* **Guillaumier Industries Limited v. Taormina Estates Limited** (Prim'Awla, 12 ta' Novembru, 2012), "*huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt.*"

Kif sew ritenut, «*L'azione di risoluzione derivante dal patto commissorio tacito previsto nell'art. 1165 c.c.* [u ghal parita ta' raguni, kif diga' intqal, anke l' "exceptio inadempleti contractus"] *può esercitarsi dal contraente che adempie agli obblighi assunti non già da colui che col suo inadempimento provoco quello dell'altro e che appunto perciò non ha diritto di allegare la mancata esecuzione: in tale caso ha vigore la massima "culpa cum culpa compensatur*"» ("Matrella v. Caporale" *cass. civ*., 3 ta' Lulju, 1888 – *cfr*. **FADDA**, "Giurisprudenza sul Codice Civile" – art. 1165 c.c.). Agguntivament, "*La parte che sia venuta meno per prima ad una prestazione fondamentale non può pretendere la risoluzione per colpa dell'altro in base ad una asserita posteriore inadempienza*" (*cass. civ.*, decizjoni nru. 2570 ta' l-24 ta' Settembru, 1951; *ibid.*).

**d.** fl-ahhar, izda mhux lanqas, trid tirrikorri l-kondizzjoni tal-**<u>proporzjonalità jew adegwatezza bejn l-inadempjenza attribwita lill-attur u dik tal-konvenut</u>**, cioè li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghall-prestazzjoni li hu jezigi minghand il-konvenut, ikun ta' certa gravità u dan proprju ghaliex, kif ritenut mill-Qorti ta' Kassazzjoni fis-17 ta' Ottubru, 1894 *in re* "Gianontomi vs. Frondevoki", "*Non ogni inesecuzione di una clausola qualunque è causa sufficiente ad indurre la risoluzione del contratto ma devesi equitativamente riguardare l'importanza della clausola inadempita, avuto riguardo all'interesse dei contraenti*."

**e.** inoltre, taht il-Kodici Civili Taljan il-gdid, il-htiega tal-presenza ta' l-istess estrem giet ribadita mill-Qorti Suprema Taljana fit-18 ta' April, 1952 (decizjoni nru. 1042) fejn gie asserit li, "*Quando l'inadempimento non è grave, l'eccezione di inadempienza non è di buona fede*" (*cfr*. "Foro Italiano: Massime" 1952; p. 262). Tali estrem tal-bona fidi hu espress fil-kapovers ta' l-Art. 1460 fuq indikat illi jaqra hekk: "*Tuttavia non può rifiutarsi l'esecuzione se, avuto riguardo alle circostanze, il rifiuto è contrario alla buona fede*." In vista ta' hekk, l-imsemmija Qorti Taljana (decizjoni nru. 10506 tal-1994) kienet sostniet li, "*Per la legittima proposizione dell'eccezione d'inadempimento, è necessario che il rifiuto di adempimento non sia contrario a buona fede, cioè non sia determinato da motivi non corrispondenti alle finalità per le quali esso è concesso dalla legge, come quando l'eccezione è invocata non per stimolare la controparte all'adempimento (o come strumento per la tutela del proprio diritto), ma per mascherare il proprio inadempimento*." (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, 8ª ed., CEDAM 2007; p. 1839).

Rigwardata fl-isfond tal-principji fuq esposti, din id-difiza partikolari tal-kumpannija konvenuta tidher nieqsa mir-rekwiziti kollha necessarji biex tircievi akkoljiment. Ir-ragunijiet wara dan huma s-segwenti.

Ghalkemm il-grajja processwali fiha nfisha tevidenzja li hawnhekk si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi hekk kif deskritt fil-paragrafu (a) *supra*, ic-cirkostanzi ta' fatt li jsawwru tali grajja ma jissodisfawx dawk l-ingredjenti mfissra fil-paragrafi (c) u (d) t'hawn fuq. Fi kliem iehor, l-inadempjenza allegata mill-kumpannija konvenut ma tirrizultax imputabbli ghal xi ghemil inkawt jew traskurat tal-parti attrici izda t-tardività tidher li kienet dovuta ghad-digà deskritti ragunijiet estranei ghall-kondotta tad-ditta, ossia minhabba mard u fatturi straordinarji. Inoltre, is-sitwazzjoni ma tindikax li hemm l-imsemmija proporzjonalità jew adegwatezza u allura r-rifjut assolut tal-hlas da parti tal-konvenuta ghas-servizzi rezi mid-ditta 'Mahoney & Co.' mhux mizura, fic-cirkostanzi, adegwata. Dan huwa aktar u aktar hekk meta l-provi f'din il-kawza jindikaw sforzi in bona fidi biex ix-xoghol jitlesta da parti ta' l-attrici *proprio et nomine* u li ma kien hemm l-ebda ilment registrat da parti tal-konvenuta dwar id-dewmien li issa qed jigi vigorozament u assidwament sollevat.

In aggjunta, u bil-wisq naturali, bl-eccezzjoni ta' inadempiment, l-oneru probatorju kien jaqa' esklussivament fuq il-kumpannija konvenuta li debitament tipprova l-assunt taghha u dan in virtù tar-regola "reus in excipiendo fit actor"[41] li mbaghad trid tigi mhaddma fid-dawl ta' dak artikolat taht l-Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jipprovdi li, "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Jekk kien hemm fatturi probatorji ulterjuri li ma tressqux biex iwaddbu dawl fuq il-kwistjoni u dwar l-allegazzjoni tal-konvenuta, l-istess konvenuta ma tista tghid xejn hlief "imputet sibi".[42]

Ghalhekk, minn dan il-profil ukoll, l-ewwel eccezzjoni qed jigi wkoll michuda.

---

[41] "*L'espressione indica che, in ordine alle eccezioni, il convenuto assume la posizione di attore. Ciò vuol dire che il convenuto il quale sollevi un'eccezione, ha l'onere di provare i fatti posti a fondamento dell'eccezione stessa*" (*cfr*. **Federico del Giudice**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "reus in excipiendo fit actor", p. 287). Ara wkoll **Umberto Albanese**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; vuci: "reus in excepione actor est", p. 347). Mix-xena domestika, fost numerevoli decizjonijiet, ara dik *in re* **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** (Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007) sostniet hekk: "*ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor').*"

[42] "*«Imputet sibi» è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza italiana, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi*." (*cfr*. **Federico del Giudice**, *op. cit.*, vuci: "imputet sibi", p. 96).

Ghal dak li jikkoncerna t-tieni eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta, li tghid li kienu saru xi hlasijiet imma inhargu diversi *invoices* mill-atturi dwar l-istess xoghol fuq diversi kumpanniji tal-konvenuta, it-Tribunal ikollu jistqar li ma tantx johrog car ezattament x'qed tipprova tghid l-istess konvenuta. Donnu li biha s-socjetà mharrka qed tipprova tghid li d-ditta 'Mahoney & Co.' diga' thallset ghall-prestazzjonijiet professjonali invokati f'din il-kawza. Jekk dan huwa hekk, il-provi ma jindikawx hekk u t-twegiba relattiva tinsab fil-paragrafu §16 ta' l-affidavit ta' Nicolette Mahoney, illi jinsab korroborat b'diversi dokumenti annessi ma' l-istess affidavit u liema provi, testimonjali u dokumentarji, ma gewx disturbati mill-konvenuta.[43] Ma jirrizultax mill-provi li l-konvenuta diga' hallset ghal dak li hawnhekk qed jintalab mill-parti attrici u inoltre fl-affidavit tad-direttur tal-kumpannija konvenuta, Keith Scerri, m'hemm deskritt xejn in sostenn ta' tali eccezzjoni (kif lanqas m'hemm accenn ghaliha fit-trattazzjoni ta' l-gheluq).

Fid-dawl ta' dan kollu, kunsidrat kollox, il-kumpannija konvenuta ma tistax tippretendi illi permezz ta' semplici allegazzjoni generika hi tista' tipparalizza t-talba attrici billi b'xi mod tpaci xi allegati danni minnha mgarrba mad-domanda ghal hlas ta' l-atturi. Dan it-Tribunal ma jsibx illi tibbasta, ghal skop ta' konvinzjoni tar-rizarciment pretiz, u fin-nuqqas ta' kontro-talba, id-dikjarazzjoni *sic et sempliciter* tad-direttur tal-kumpannija konvenuta[44] li l-istess garrbet xi effetti negattivi (i.e., multi u interessi), aktar u aktar meta f'din il-kawza intwera illi hi kienet qed tigi infurmata bic-cirkostanzi kif kienu qed jevolvu u jizvolgu izda ghazlet li tibqa' passiva u statika u ma turi l-ebda accenn ghal xi preokkupazzjonijiet fil-korrispondenza skambjata. Anzi, jidher li l-istess konvenuta qatt ma wiegbet ghas-serje ta' *emails* u ittri li kienu qed jintbghatulha minn Nicolette Mahoney.[45] Kif sew inghad mill-qrati taghna, "*dikjarazzjonijiet generici ta' telf finanzjarju kawzati b'agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagamenti ta' djun. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi sehmha mill-ftehim mid-diligenza u ftehim mistennija minn pater bonus familias wiehed kellu diversi ghazliet; seta' jew jitlob li l-kuntratt jigi mwetttaq kif mifthiem jew jitlob ir-rexizzjoni tal-kuntratt jew inkella jaghmel*

[43] Il-verzjoni attrici, kif tohrog mill-affidavits ta' Nicolette Mahoney, David Pace u Stephen Caruana, ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-parti konvenuta li spontanjament ghazlet illi ma twettaq l-ebda kontro-ezami. F'tali cirkostanzi pekuljari f'dan il-kaz in specie – ben attiz dak maghdud in vena generali fid-decizjoni ta' dan it-Tribunal *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** tad-9 ta' Jannar, 2019 (mhux appellata) – ikollu japplika dak it-taghlim li jghid li, "*Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud ma jsarrafx ut sic f'ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti.*" (*cfr*. **Catherine Calì Vincenti pro et noe v. Stephen Calì**, Appell Superjuri, 2 ta' Marzu, 2018).
[44] L-unika provi mressqa mill-konvenuta hu affidavit ta' Keith Scerri b'xi dokumenti mehmuza mieghu (ara *a foll*. 54–70).
[45] Hekk kif tghid l-istess Nicolette Mahoney f'para. §13 tal-affidavit taghha (*a fol*. 20).

*azzjoni ghad-danni*." (*cfr*. **Stuart Graig et pro et noe v. The International Company Ltd**, Qorti tal-Magistrati [Malta], 8 ta' Novembru, 2008). Ara wkoll fl-istess vina *in re* **Joe Xuereb Holding Co. Ltd v. Marlene mart Francis Xuereb et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2005).

Min-naha l-ohra, u kif johrog mill-kunsiderazzjonijiet kollha fuq esposti, ingabu provi tajbin u sufficjenti da parti tal-parti attrici – illi ma gewx skossi mill-kontro-provi tal-konvenuta – li jiggustifikaw il-pretiza attrici illi jigi saldat l-ammont ta' €2,133.72c ghal servizzi professjonali rezi lill-konvenuta.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq u konsistentement maghhom, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-istess socjetà konvenuta thallas lill-attrici *proprio et nomine* l-ammont ta' elfejn, mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmi (€2,133.72c), bl-imghax bir-rata ta' 8%[46] fuq tali ammont mil-21 ta' Mejju, 2018 (data tal-prezenti sejha gudizzjarja[47]) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, hlief ghal dawk marbuta ma' ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar, 2018 (nru. 13/2018[48]), ghandhom jigu interament sopportati mis-socjetà konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[46] Giet applikata tali rata ghax ir-*requests for payment* ezibiti *a foll*. 4–5 jindikaw u espressament jistipulaw rata ta' 8% u mhux rata ohra diversa (i.e., rata ta' interessi kummercjali).
[47] It-Tribunal ma applikax id-data tal-5 ta' Jannar, 2018 imsemmija fl-Avviz tat-Talba ghax tali data ma gietx sorretta b'xi prova oggettiva u allura it-Tribunal jaqa' fuq dak previst fl-Art. 1141(2) tal-Kodici Civili.
[48] Peress li tali ittra ufficjali qatt ma giet formalment ezibita fl-atti tal-prezenti proceduri, it-Tribunal ma jistax jikkunsidraha ai finijiet ta' spejjez gudizzjarji, stante li kien dmir primarju ta' l-attrici *pro et noe* li tiehu hsieb tressaqha formalment ghall-attenzjoni tat-Tribunal.